MALTA

# BORD LI JIKKONTROLLA L-KIRI TAR-RABA MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 28/2002

**Giovanna Cutajar u John Cutajar**

**vs**

**Giuseppi Mifsud**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma proprjetarji ta' porzjoni art tal-kejl superficjali ta' tlett mija u erba' u tmenin punt sebgha, tmienja metri kwadri (384.78 m.k.) li tikkonfina mill-majjistral mat-triq San Agatha, tifforma parti minn l-ghalqa maghrufa bhala ta' Bubaqra fiz-Zurrieq, kif indikata fil-pjanta annessa mar-rikors bhala dokument B;  l-ghalqa kollha fiha kejl ta' cirka tomnejn u tinsab imqabbla ghand l-intimat bil-qbiela ta' seba' liri (Lm7) fis-sena li jithallas kull hmistax (15) ta' Awissu.

Illi l-esponenti jehtiegu l-imsemmija porzjoni mill-ghalqa msemmija biex jizviluppawha.

Illi permezz ta’ permess mahrug mill-Planning Authority (illum Malta Enviornment and Planning Authority), l-imsemmija porzjoni art giet awtorizzata ghall-izvilupp kif jidher mid-dokument A anness mar-rikors.

L-esponenti talbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-imsemmija porzjoni tal-kejl superficjali ta‘ 384.78 metri kwadri indikata fuq il-pjanta Dokument B u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-istess porzjoni u tillikwida l-kumpens xieraq li talvolta huwa dovut mill-istess intimat ai termini tal-Att dwar it-Tigdid ta’ Kiri ta’ Raba’ (Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ra n-nota tal-intimat (a fol 7) tal-istess atti u dak dikjarat fiha mill-istess intimat.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, kif hemm dikjarat mill-intimat fl-imsemmija nota, l-istess intimat, permezz ta’ skrittura tallum stess:-

a) irrinunzja ghal qbiela u cediha favur ir-rikorrenti;

b) thallas dak kollu dovut lilu ghas-saldu tal-benefikati skond il-ligi u ghal finijiet ta’ kumpens, jinsab pjenament sodisfatt u ma baqalux pretenzjonijiet fuq l-istess ghalqa;

c) <u>ammetta</u> t-talba in esami.

<u>Illi,</u> ghal kull effett u fini fil-ligi, wara li rat l-istess nota, ser tinghata din id-decisjoni fl-isfond ta’ dak anness go fiha.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u:

1) jawtorizza mir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-porzjoni tal-art maghrufa bhala Bubaqra fiz-Zurrieq aventi 384.78 metri kwadru bhala kejl superficjali u kif indikati fuq il-pjanta annessa a fol 6 tal-atti u markata "B" , liema pjanta ghandha tifforma parti integrali minn din id-decisjoni;

2) jordna, ghal kull buon fini, li l-intimat jigi zgumbrat mill-istess porzjoni art sal-15 ta' Awissu 2003;

In rigward it-talba dwar likwidazjoni ta' kumpens xieraq in vista ta' dak dikjarat fl-imsemmija nota, il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzoni ulterjuri ta' din it-talba. In rigward l-ispejjes, dawn jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg